**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 294/2022 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**CV**

**Vs**

**MP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CV data 26 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti u l-intimat kienu zzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (1995) [Dok A];*

*Illi l-partijiet huma legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joanne Spiteri data l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) [Dok B] u qatt ma regghu rrikonciljaw;*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu separati de facto minn xulxin mill-elfejn u hmistax (2015);*

*Illi miz-zwieg twieldu NP, MP, AP u JP u kollha maggorenni pero' AP ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena u ghadu jistudja full time.*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragnevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi;*

*Illi l-esponenti qieghda tipprezenta l-affidavit taghha li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala CV01.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MP datata 14 ta' Lulju 2022, a fol 21 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi huwa jaqbel mat-talba tar-rikorrenti sabiex iz-zwieg taghhom jigi iddikjarat mahlul.*

2. *Illi ilhom ma jghixux flimkien mis-sena elfejn u hmsitax (2015) u qatt ma regghu marru jghixu flimkien minn dik is-sena.*

3. *Illi m'hemmx tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

4. *Illi hu qed jipprezenta l-affidavit tieghu, hawn anness u mmarkat bhala Dok MP.*

5. *Illi hu jixtieq li l-ispejjez ikunu bla taxxa.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-partijiet kif assistiti iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 21);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' Mejju 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldu erbghat (4) itfal illum lkoll maggorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Settembru 2020 fl-atti tan- Nutar Dr Joanne Spiteri. Kompliet tixhed illi ilhom separati de facto sa minn 2015. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet jew pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed** (vide fol 22) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

*divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Mejju 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 702/1995(Vide certifikat taz-zwieg, fol 3 et seqq.). Minn dan iz-zwieg kellhom erbghat (4) itfal kollha maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joanne Spiteri nhar l-1 ta' Settembru 2020 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Jirrizulta di piu' illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn 2015. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 702/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**